

Brussell, 12 ta' April 2017
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2012/0193 (COD)

7929/2/17
REV 2

CODEC 538
DROIPEN 38
JAI 297
GAF 11
FIN 234
CADREFIN 39
FISC 70

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fit-12 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni għaddiet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill¹. Il-bażi legali għall-abbozz ta' Direttiva huwa l-Artikolu 83(2) tat-TFUE²³⁴.

¹ dok. 12683/12.

² F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-direttiva.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà, u ġustizzja, ir-Renju Unit mhux ser jiehru sehem fl-adozzjoni ta' din id-direttiva u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhux ser tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2014⁵.
3. Waqt it-3517-il laqgħa tiegħu tas-7 ta' Frar 2017, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward id-direttiva msemmija hawn fuq⁶.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill:
 - jadotta, bil-vot kontra tad-delegazzjoni Ġermaniża, Irlandiża, Pollakka, Ungeriża, Maltija u dik Ċiprijotta, bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari kif tidher fid-dokument 6182/17 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tidher fid-dokument 6182/17ADD 1;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum għal din in-nota.

⁵ dok. 9024/14.

⁶ F'konformità mal-ittra indirizzata mill-president tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-president tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew lill-President tal-Coreper, il-Parlament Ewropew għandu, waqt it-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.